# HERITAGE MALTA U PROJECT GREEN JINGĦAQDU BIEX JAGĦTU L-ĦAJJA MILL-ĠDID LILL-ĠONNA TA’ VILLA PORTELLI

**Stqarrija | 25 ta’ Mejju 2024**

Heritage Malta u Project Green daħlu fi ftehim importanti biex iġeddu l-ispazji ħodor estensivi ta’ madwar Villa Portelli fil-Kalkara.

Il-Memorandum of Understanding ġie formalizzat f'Villa Portelli stess, u jimmarka pass importanti fl-isforzi ta' konservazzjoni u restawr ta' din il-binja storika. Il-ftehim jagħti dettalji dwar kollaborazzjoni fuq konsulenza teknika, restawr tal-ambjent naturali, u xogħlijiet ta' tisbiħ.

Villa Portelli bħalissa għaddejja minn trasformazzjoni fi spazju maħsub għal użi varji, li jkun aċċessibbli għat-tgawdija tal-pubbliku. Il-proġett jinkludi r-riabilitazzjoni tal-ġonna tal-villa, mifruxa fuq erba’ tomniet. L-isforzi biex il-villa tingħata l-ħajja mill-ġdid se jagħtu prijorità lit-taħwil ta’ pjanti indiġeni, tħaddir sostenibbli, u l-ħolqien ta' spazji rilassanti u edukattivi. Se jintużaw tekniki innovattivi ta' ġardinaġġ, inkluż monitoraġġ mill-bogħod, biex jiġi żgurat li l-ġonna jiffjorixxu filwaqt li tiġi ppreservata t-tifsira storika u kulturali tagħhom.

Heritage Malta se tissorvelja l-protezzjoni u l-monitoraġġ tas-sit, filwaqt li Project Green se jmexxi l-implimentazzjoni tax-xogħlijiet ta' restawr tal-ispazji ħodor, inkluż it-tindif, it-tneħħija ta' speċi invażivi, iż-żbir, u t-tisbiħ. Il-programm tax-xogħlijiet ippjanati jiddeskrivi skeda għar-restawr gradwali tas-sit, li jiżgura attenzjoni metikoluża għad-dettall u ż-żamma tal-istandards tal-preservazzjoni storika.

Il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, Noel Zammit, qal li din is-sħubija tirrifletti impenn komuni għall-konservazzjoni tal-wirt kulturali għani ta' Malta u l-promozzjoni ta' prattiki sostenibbli fl-immaniġjar tal-patrimonju. Huwa rrimarka li billi jagħtu ħajja ġdida lil dawn il-vilel u ġonna storiċi, Heritage Malta u Project Green għandhom l-għan li joħolqu spazji inklużivi u aċċessibbli li jarrikkixxu l-komunità lokali u jikkontribwixxu għall-benesseri ġenerali tal-individwi u l-madwar.

Il-Kap Eżekuttiv ta' Project Green, Joseph Cuschieri, qal li Project Green jappoġġja bis-sħiħ il-proġett f'Villa Portelli u huwa impenjat li jalloka kwalunkwe riżorsa meħtieġa minn Heritage Malta biex dan il-proġett ikun suċċess. Żied jgħid li dan huwa proġett importanti ħafna u impressjonanti minħabba d-daqs u l-prestiġju tiegħu, u Project Green huwa kuntent li qed jikkontribwixxi u jwassal proġett ieħor biex jitgawda mill-pubbliku.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta